# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tat-12 ta' Lulju 2002**

**Citazzjoni numru 1603/98 GC**

**Mariella Spiteri**

**vs**

**Edmond Grech u Walter Perks**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici ppremettiet:-

Illi fid-29 ta' Lulju 1997 gewwa Rahal Gdid, waqt li l-attrici kienet "back seat passenger" fil-vettura tal-Pulizija numru ta' registrazzjoni GVP 137 misjuqa mill-konvenut Edmond Grech, hija sofriet feriti ta' natura gravi f'wiccha li hallewlha sfregju gravi u permanenti u dana wara li l-istess vettura kienet involuta f'kollizzjoni mal-vettura ta' registrazzjoni IAB 679 misjuqa mill-konvenut l-iehor Walter Perks;

Illi ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni sofferti mill-attrici kienu jahtu unikament iz-zewg konvenuti jew min minnhom u dana minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis lejn ir-regolamenti tat-traffiku u dan skond kif jidher ampjament mill-iskizz u r-rapport hawn annessi u mmarakti Dok C;

Illi l-konvenuti interpellati jersqu ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-attrici in segwitu ghal dan l-incident inkluzi danni ghad-disabilita' permanenti kif iccertifika l-konsulent mediku tal-attrici Joseph F. Briffa skond l-annessi certifikati Doks A u B, dawn baqghu inadempjenti anke wara li saritilhom ittra ufficjali;

Ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenuti, jew min minnhom, jghidu ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li kienu l-konvenuti, jew min minnhom, unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attrici in segwitu ghal dan l-incident u dana jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

3. konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-attrici in linea ta' danni dik is-somma li tigi hekk likwidata;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Ottubru 1997 u dik tal-ittra ufficjali mibghuta lid-ditta assikuratrici tal-konvenut Walter Perks tal-lum stess, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni u bl-imghax legali mid-data tal-incident sad-data tal-hlas effettiv;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Walter Perks fejn gie eccepit :-

1. Illi l-fatti kif indikati mill-attrici huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attrici, u dana billi l-konvenut Walter Perks kien ghaddej minn triq principali u kien il-konvenut Edmond Grech illi, bi traskuragni u nuqqas ta' tharis lejn ir-regolamenti tat-traffiku, baqa' hiereg minn "side street" minkejja li kien hemm "Stop Sign" kemm mal-art kif ukoll permezz ta' tabella mqieghda fuq il-bankina;

2. Illi safejn jaf l-eccipjent, l-attrici ma sofrietx danni minhabba disabilita' personali bhala rizultati tal-kollizjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Walter Perks debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Edmond Grech fejn gie eccepit :-

Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija dezerta ai termini tal-Artikolu 963 tal-Kap 12 stante li ghaddew aktar minn sitt xhur minn meta giet intavolata c-citazzjoni fuq imsemmija sa ma jkunu ghalqu l-proceduri bil-miktub ta' din il-kawza;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attrici stante li l-konvenut bl-ebda mod m'hu responsabbli ghall-incident stradali li gara f'Rahal Gdid nhar id-29 ta' Lulju 1997;

Illi l-konvenut lanqas m'hu responsabbli ta' traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi ghaldaqstant id-disabilita sofferta mill-attrici ma gietx kawzata htija tal-konvenut u hu m'ghandux jigi kkundannat ihallas ebda danni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Edmond Grech debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' April 1999 li bih gew nominati bhala espert dentist u bhala espert mediku l-Professur John Portelli u t-Tabib Anthony Galea Debono rispettivament;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Gunju 1999 (waqt l-access) li bih gie nominat bhala espert tekniku l-AIC Richard Aquilina;

Rat li l-espert dentist ippresenta u kkonferma bil-gurament ir-rapport tieghu fil-kors tas-seduta tat-23 ta' Novembru 1999;

Rat li l-espert mediku u l-espert tekniku ppresentaw u kkonfermaw bil-gurament ir-rapport taghhom fil-kors tas-seduta tat-8 ta' Frar 2000;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lil-partijiet u xhieda minnhom prodotti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Gunju 2000;

Ikkonsidrat:

Mill-provi jirrizulta li fid-29 ta' Lulju 1997 sehh incident stradali gewwa Rahal Gdid. Involuti f'dan l-incident kien hemm il-konvenut Walter Perks li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-marka "Austin Allegro" numru ta' registrazzjoni IAB 679 u l-konvenut l-iehor Edmond Grech li kien qed isuq il-vettura tas-servizz cioe' tal-Pulizija numru ta' registrazzjoni GVP 137. Jirrizulta li l-konvenut Perks kien ghaddej minn Triq Haz-Zabbar, li hi triq principali, fid-direzzjoni tal-Fgura, filwaqt li l-konvenut l-iehor Grech kien gej minn triq laterali, cioe’ minn Sisters Street, liema triq laterali tisbokka fl-imsemmija Triq Haz-Zabbar. Jirrizulta li fi Sisters Street, fejn tisbokka ghal Triq Haz-Zabbar hemm "stop sign". L-incident appuntu sehh meta l-konvenut Grech gie biex jaqsam dan l-inkrocju;

L-attrici, li hi kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija, kienet riekba gol-vettura misjuqa mill-konvenut Grech u kienet fis-"seat" ta' wara. L-attrici qed tippremetti li, bhala kawza ta' dan l-incident, hi sofriet feriti ta' natura gravi f'wiccha li hallewlha sfregju gravi u permanenti. Ghalhekk l-attrici tippretendi li sofriet danni u li l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghal dawn id-danni;

Il-konvenut Walter Perks qed jeccepixxi li hu m'ghandux jigi ritenut responsabbli ghall-incident in kwestjoni stante li huwa kien ghaddej minn triq principali u kien il-konvenut Edmond Grech li baqa' hiereg minn triq laterali u dana minkejja li kien hemm "Stop Sign" kemm mal-art kif ukoll permezz ta' tabella mqieghda fuq il-bankina. L-istess konvenut Perks inoltre eccepixxa li safejn jaf hu l-attrici ma sofriet ebda disabilita' personali f'din il-kollizjoni;

Il-konvenut Edmond Grech eccepixxa preliminarjament li din l-azzjoni ghadha tigi ritenuta deserta ai termini tal-provedimenti tal-artikolu 963 tal-Kap.12 stante li ghaddew aktar minn sitt xhur minn meta giet intavolata c-citazzjoni sa ma ghalqu l-proceduri bil-miktub. Fit-tieni lok l-istess konvenut Grech qed jeccepixxi li hu bl-ebda mod ma ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-incident stradali in kwestjoni;

Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut din ghandha tigi michuda. Skond il-provedimenti tal-imsemmi artikolu 963 mhux necessarjament li din l-azzjoni ghadha tigi ritenuta dezerta;

Il-konvenut Walter Perks jghid li x'hin wasal hdejn l-inkrocju in kwestjoni huwa nduna li minn fuq il-lemin tieghu, kien hiereg il-konvenut l-iehor Grech. Huwa jghid li l-konvenut Grech meta gie biex jidhol fl-imsemmija triq principali ma waqafx u baqa hiereg b'velocita' qawwija;

Minn naha l-ohra l-konvenut Edmond Grech, li hu kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija, jghid li meta gie biex jdur ghall-Sisters Street huwa bilfors kellu jnaqqas il-velocita' tieghu u dana minhabba il-konfigurazzjoni ta' dawk it-toroq. Meta wasal fuq l-istop sign li hemm Sisters Street huwa waqaf hares fuq ix-xellug kif wkoll fuq il-lemin biex jara jekk kienx gej traffiku. Il-konvenut Grech qal ukoll li hares lejn mera li hemm biex tghin lill minn ikun hiereg ghal fuq it-triq principali biex jara jekk ikun gej traffiku. Peress li ra li ma kienx gej traffiku huwa beda jaqsam. Skond il-konvenut Grech f'hin minnhom giet il-karozza misjuqa mill-konvenut Perks, minn fuq ix-xellug tieghu, u baqghet diehla fil-karozza tas-servizz. Huwa jghid li l-vettura misjuqa minn Perks laqtitu meta kien gia qasam it-Triq principali u kien gie biex jidhol fil-parti l-ohra ta' Valley Road;

Mill-kumpless tal-provi prodotti jirrizulta sufficjentement pruvat li l-konvenut Grech ghandu jigi ritenut responsabbli ghal din il-kollizzjoni u ghalhekk ukoll responsabbli ghad-danni li sofriet l-attrici bhala konsegwenza tal-istess kollizzjoni. Dan qed jinghad b'mod partikolari in vista ta' dak li qal P.S. 489 George Attard, li kien riekeb mal-attrci fil-karozza misjuqa mill-konvenut Grech. Jirrizulta li l-imsemmi P.S.489 kien riekeb fuq quddiem hdejn ix-xufier. Dan ix-xhud ikkonferma li minn fejn kienu hergin huma hemm sinjal ta' "stop". Huwa kkonferma li meta gie ghas-sinjal "stop" il-konvenut Grech ma waqafx. Dan ix-xhud zied jghid li ftit qabel dan is-sinjal "stop" il-konvenut Grech kien ghadej b'velocita' mhux hazin. Jirrizulta ghalhekk li lkonvenut Grech ma waqafx meta kellu jieqaf sabiex jispezzjona sewwa t-traffiku li kien gej. Huwa ma waqafx qabel ma beda diehel fit-triq principali;

F'dan ir-rigward ghandu ukoll jigi rilevat li l-konvenut stess jammetti li minn fejn kien hiereg huwa ghal fuq in-naha tax-xellug tieghu, u cioe' min fejn kien gej il-konvenut l-iehor Perks, hemm vizwali pjutost twila u m'hemmx ostakali ghal distanza twila. Hu ghalhekk prattikament impossibli li l-konvenut waqaf biex spezzjona t-traffiku li kien gej. Kieku verament waqaf il-konvenut kien jara zgur l-vettura l-ohra misjuqa mill-konvenut Perks gejja fit-triq principali;

Lanqas ma tregi l-pretensjoni tal-konvenut Grech li huwa kien lehaq qasam it-triq principali meta sehhet il-habta. Jidher li l-habta sehhet meta il-konvenut Grech kien qed jaqsam it-triq principali. F'dan ir-rigward jigi rilevat li l-istess xhud P.S. 489 jghid li l-habta sehhet meta l-konvenut Grech gie biex jaqsam l-inkrocju in kwestjoni. Del resto dan hu ukoll konfermat mil-hsarat li sofrew il-vetturi li kienu involuti f'din il-habta;

In vista ta' dan kollu jirrizulta li l-konvenut Grech ghandu jigi ritenut responsabbli ghal din il-kollizzjoni. Ma jirrizulta xejn li jista jitfa xi htija ghar-rigward tal-istess incident fuq il-konvenut Perks. Ma tirrizulta ebda kontributorjeta da parti tal-attrici;

Jirrizulta li l-habta kienet pjuttost vjolenti tant li l-karozza fejn kienet riekba l-attrici l-ewwel marret fuq zewg roti u sussegwentement regghet issabtet lura fil-posizzjoni taghha. Minhabba din id-daqqa l-attrici sofriet feriti f'wiccha u fi sninha. Kemm l-espert dentist kif ukoll l-espert mediku ghamlu deskrizzjoni dettaljata tal-feriti li sofriet l-attrici. Dawn iz-zewg esperti kkonkludew li ghar-rigward tal-feriti f'wiccha l-attrici sofriet debilita permanenti ta' ghaxra fil-mija (10%). L-espert dentist wasal ghal konkluzjoni li d-dizabilita' minhabba il-feriti fi snienha hi ta' wiehed fil-mija (1%). Jirrizulta ghalhekk li b'kollox id-dizabilita' permanenti li sofriet l-attrici hi komplessivament ta' hdax fil-mija (11%). Ma jirrzulta xejn li jista jgieghel il-Qorti li ma tadottax dawn il-konkluzjonijiet;

Jirrizulta li l-attrici fiz-zmien tal-incident kellha tnejn u ghoxrin sena (22). Il-paga taghha netta ghas-sena 1998, meta jigu konsidrati ukoll "allowances" u "overtime", kienet ta' erbat elef tmien mija u tmienja u ghoxrin liri maltin (Lm4828) fis-sena u cioe circa erba mitt liri maltin (Lm400) fix-xahar (ara fol.66). Jirrizulta inoltre li fix-xahar ta' Jannar 2000 l-attrici kellha paga ta circa erba mija u tmenin liri maltin (Lm480) fix-xahar. (Vide fol.65). Ghalhekk ghal finijiet tal-kalkolu li ghandu isir sabiex jigu likwidati d-danni ghar-rigward tad-dizabilita' permanenti hu ragjonevoli li l-bazi tal-qliegh ta kull xahar ghandu jigi kalkolat fuq ammont ta' hames mitt liri maltin (Lm500) u dana tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, tal-eventwali inflazzjoni, taz-zieded li jistghu jirrikorru, tat-taxxa li trid tithallas u ta cirkostanzi ohra;

Kif gia gie rilevat l-attrici fiz-zmien tal-incident kellha tnejn u ghoxrin (22) sena. Ghal fini tal-"multiplier" ghandu jigi kalkolat zmien ta' hamsa u ghoxrin sena u dana in vista li l-membri tal-Korp tal-Pulizija ghandhom regolamenti specjali ghar-rigward ta' meta jistghu jirtiraw. F'dan il-kaz ghandu jitnaqqas hamsa fil-mija (5%) stante li l-ammont ser jithallas f'pagament wiehed. Ghalhekk is-somma li qed tigi likwidata bhala 'lucrum cessans', fuq dak li ntqal sa issa, tammonta ghal hmistax il-elf sitt mija u hamsa u sebghin liri maltin (Lm15675) (Lm500 x 12 x 25 x 11% - 5%);

Ma l-imsemmija somma trid tizdied is-somma ta' mija u erba u ghoxrin liri maltin u disghin centezmi (Lm124.90) li hi s-somma komplessiva li jirrizulta li l-attrici hallset ghal kura medika. B'kollox ghalhekk id-danni kopmplessivi li ghandhom jigu likwidati jammontaw ghas-somma ta' hmistax il-elf seba mija u disa u disghin liri maltin u disghin centezmu (Lm15799.90) u ghal liema danni jirrizulta unikament responsabbli l-konvenut Grech;

Ghall dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut Perks u b'hekk tillibera lill-istess konvenut Perks mill-osservanza tal-gudizju u billi fit-tieni lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Grech u billi fit-tielet lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenut Grech kien unikament responsabbli ghall-incident in kwestjoni, tillikwida d-danni sofferti mill-attrici in segwitu ghal dan l-incident fis-somma komplessiva ta' hmistax il-elf seba mija u disa u disghin liri maltin u disghin centezmu (Lm15799.90) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut Grech ihallas lill-attrici in linea ta' danni l-istess somma ta' Lm15799.90 u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza;

Spejjez kollha, inkluzi dawk tal-attrici u dawk tal-konvenut Perks, jithallsu mill-konvenut Grech.